**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 31 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Spettur Trevor Victor Micallef**

**vs**

**Lawrence Vella**

Illum, 1 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lawrence Vella ta' 46 sena, bin JOSEPH u MARY ANNE xebba GRIOLI imwieled gewwa PIETA [Tal-Pietà] nhar 22 ta` Awwissu 1973 u residenti fil fond 46, Belveder, Fl 1, Triq il-Qadi, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 391073M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

> *"Talli bejn it-13/7/2019 u x-xahar t`Ottubru 2019 ġewwa l-Gzejjer Maltin:*
>
> *[1] Minghajr l-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil xi hadd jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil CARL GRECH U LARA RUNCO fil-pussess ta` hwejjga b`xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta`haddiehor (Kap 9 Artiklu 85(1))"*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Jannar, 2020 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-Artikolu 85 u l-Artikolu 377 (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontra tieghu u immultatu multa ta' mitt euro (€ 100). Inoltre ordnatlu sabiex fi zmien tlett gimghat millum jirripristina l-bokka in kwistjoni taht sorveljanza ta' perit ghal status quo ante billi din tigi maghluqa b'mod permanenti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Lawrence Vella minnu pprezentat fl-14 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija fl-ismijiet premessi mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Victor George Axiak, nhar it-30 ta' Jannar, 2020 u konsegwentement tillibera lill-esponenti appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-fatti stante illi qatt ma setgħa kien hemm sejbien ta' ħtija peress illi mill-provi akkwiżiti, l-elementi tar-reat ta' *raggion fattasi* ma jirriżultawx ippruvati billi l-pussess kontinwu u mhux interrott ta' dan l-ambjent kien ukoll f'idejn l-appellant stante illi din hija **ġiebja in komuni** li testendi taħt il-proprjetajiet tal-appellant u tal-kwerelanti. Illi ma għandu xejn mis-sewwa dak li qed jallegaw il-kwerelanti illi dan l-ambjent huwa 'kantina'. Mill-provi prodotti jirriżulta bl-iktar mod ċar u inkonfutibbli illi dan l-ambjent huwa ġiebja u dan ukoll kif ġa ġie imfisser aktar il-fuq. Illi l-kwerelanti bl-istrateġija akkurata tagħhom, qegħdin jippruvaw jużurpaw, jappropjaw u jiżgombraw lill-appellant minn proprjetà fil-pussess tiegħu sabiex l-kwerelanti jkunu jistgħu jvantaw u jikkrejaw pretensjonijiet ta' dritt esklussiv li ma għandhomx;

Illi l-gurisprudenza tagħna għamlet f'diversi okkażżjonijiet esposizzjoni tal-elementi leġali meħtieġa sabiex jisussisiti r-reat tal-hekk imsejjah "raggion fattasi." Dan ir-reat jimmaterjalizza ruħu kull meta jkun hemm:

a) Att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

b) L-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

ċ) Ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) Li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;

**Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.** (*Pulizija vs Anthony Zahra)* [1]

Illi bl-akbar rispett jiġi sottomess illi l-appellant meta kixef il-maduma li taħta kien hemm il-bokka tal-giebja kien qed jaġixxi fl-ispazju tiegħu u fl-ebda mod ma ħaffer u għamel xi xogħolijiet biex jinfed għal gol-giebja. Illi dan ma jikkostitwixxix spoll. Illi di piu' l-appellant kellu l-pussess materjali ta' din il-giebja bil-preżenza ta' katusi li jgħatu minn ġol-fond tiegħu sabiex l-ilma joskula għal ġo din il-ġieba u dan kif mhuri permezz ta' ritratti li ġew esebiti in atti u kif ikkonferma bil-ġurmanet tiegħu l-appellant u martu, liema katusi għadhom hemm jaqdu l-istess skop sal-ġurnata tal-lum.

Illi għalhekk huwa ċar u evidenti illli l-appellant effettivament kien fil-pussess kontinwu u mhux interrott tal-ġiebja in kwistjoni liema stat ta' fatt jirriżulta ampjament mill-provi u b'hekk l-elementi tar-reat ta' *raggion fattasi* qatt ma jistgħu jissusistu.

[1] **Pulizija vs Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Pulizija vs Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Michael Lungaro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Pulizija vs Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-kwerelanti Dr Carl Grech u Lara Runco huma s-sidien tal-proprjeta' bl-indirizz '33, Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun' filwaqt li l-imputat u martu huma s-sidien tal-proprjeta' bl-indirizz '32, Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun';

2. Illi jirrizulta li taht iz-zewg residenzi hemm dak li l-kwerelanti jsejhulha 'kantina' u dak li l-imputat jsejjah 'giebja';

3. Illi wara li l-kwerelanti qalu lill-imputat dwar din il-kantina, ftit jiem wara skont il-kwerelanti, l-imputat allegatament niffed mir-residenza tieghu ghal go din il-kantina;

4. L-imputat minn naha l-ohra jghid li huwa kien qieghed jaqla l-madum tar-residenza tieghu meta inkixfet il-bokka ta' din il-giebja u li nizzel barmil biex jara kemm hemm fond. In oltre' jghid li gia kien hemm pajpijiet ghaddejjin ghal go din il-giebja u li hafru trinka biex jghadu pajpijiet tal-ilma.

Illi din il-Qorti sejra in succint taghmel referenza ghal provi prodotti. Quddiem l-Ewwel Qorti fil-verbal tas-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) tnizzel li '*x-xhieda kollha li inghataw fil-kawza numru 13 Pulizija vs Pauline Vella, taghmel parti minn din il-kawza.*' Filwaqt li fil-verbal tal-istess seduta fl-atti tal-kawza kontra Pauline Vella u cioe' 'Il-Pulizija (Spettur Trevor Victor Micallef) Vs Pauline Vella' tnizzel li '*Il-Qorti tordna illi x-xhieda kollha moghtija f'din il-kawza inkluz dik dokumentarja ghandha tapplika wkoll ghal kawza numru 14 Pulizija vs Lawrence Vella.*'

Wps. 219 E. Galea Abela permezz ta' affidavit iddikjarat li giet moghdija kwerela fejn giet mitluba biex tohrog l-akkuzi necessarji kontra Lawrence Vella. Hi mal-ewwel

talbet lis-Sinjur Vella jirrikorri gewwa l-Ghassa taz-Zejtun biex jaghti l-verzjoni tieghu. Minn naha tieghu spjega li kien '*xtarha din l-imsemmija dar u ghalhekk irrid jibda ix-xoghol ta' manutenzzjoni ghalhekk spjegali li beda jaqla' l-madum b'idejh permezz tal liva, fejn kompla jghidli li xhin kien faddallu l-ahhar erba' madumiet.*' Kompliet tiddikjara li '*Vella kompla jghidli li gie avvicinat minn Dr. Carl Grech li jigi il-gar tieghu u kien qallu li l' kantina li tinsab tahtu jigifieri taht (Vella Lawrence) hija ta' Dr Carl Grech u mhux ta' Vella Lawrence u kompla jghid lil Vella li mghandu xejn u l-imsemmija kantina hija propjeta ta' Dr. Carl Grech.*' Tnizzel li '*Is-sur Lawrence Vella anke prezenta kopja tal-kuntratt li huwa mahrug minn nutar Anthony Cassar fejn l-imsemmi kuntratt hemm miktub li-imsemmija kantina tappartjeni lil Vella Lawrence u mhux kif qed jghid Carl Grech li il-kantina hija propjeta tieghu ghaliex mhux minnu.*' Ghalkemm f'din l-affidavit tnizzel li '*Kopja tal-imsemmi kuntratt tinsab mhemmuza mal-imsemmi file, il-kutnratt gie mahru minn nutar Anthony Cassar*' dan il-kuntratt ma giex ipprezentat fl-atti tal-kawza. Il-kwerela lanqas ma giet ipprezentata fl-atti tal-kawza.

Il-kwerelant Dr Carl Grech xehed fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Spjega li hu u l-mara joqghodu jew ghandhom d-dar 33, Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun u li '*Huma s- sidien ta' 32, Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun.*' Ikkonferma li huma l-gara taghhom. Hu u l-mara ma joqghodux hemm il-hin kollu u xehed li taht il-proprjeta' taghhom ghandhom kantina. Din il-kantina hija fonda seba' metri u nofs, wiesgha xi madwar sitt metri u tul xi hdax-il metru jew iktar. Din il-kantina tibda' minn taht il-proprjeta' taghhom u timxi ghal taht il-proprjeta' tal-girien taghhom. Jigifieri tibda minn taht it-33 u timxi ghal taht it-32 li hi l-proprjeta' tal-ohrajn.

Xehed li fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) '*kont qed naghmel xi xoghol fil- proprjeta tieghi u waqt li kont hemmhekk smajt illi l- girien tieghi kienu qed jaghmlu xi xoghol fil- propjeta taghhom. Naf li kienu qed jaqilghu xi affarijiet. Naf li kienu qed iwaddbu xi affarijiet minn fuq ghal isel. Jiena kif smajt hekk tkellimt ma' Lawrence Vella*'. Xehed li '*kienu ghadhom kif xtraw id- dar taghhom lejn l- ahhar ta' Gunju. U dakinhar jiena lis-Sur Vella spjegajtlu illi taht il- proprjeta' tieghu u tieghi hemm din il-kantina. Spjegajtlu illi din hija fonda u li din hija msaqqfa bix-xorok. U ghalhekk fost affarijiet ohra ghidtlu biex joqghod attent biex waqt li jkun qed jaghmel ix-xoghlijiet, one ma jaghmilx*

*hsara, two ma' jwegga' hadd. Bazikament dan kien is- Sibt, is- sibt wara nofs inhar.*' Xehed li '*kien qed jaqla' l-madum. Naf ukoll illi smajt xi affarijiet jaqghu minn fuq ghal isfel.*' Xehed li '*The following Monday tiktbilna l- mara tieghu Pauline, lill- mara proprjament, li tghidilna li bazikament kienet hadet xi parir u dan il- parir skont hi, jew skont il-parir li hadet kienet li la darba parti mill- kantina tigi tahtha mela allura hija taghha.*' Xehed li dwar it-tlettax (13) Lawrence Vella kien qallu li sab xi travi mirdumin. Kif semghu li hemm xi travi mirdumin, il-mara perit riedet mill-ewwel tmur tarahom. Marru aktar tard filghaxija dakinhar stess, kien hemm Lawrence Vella qed jitkellem ma' xi hadd go hanut vicin id-dar taghhom, mar fuqu, laqghu mal-mara u staqsieh jek possibli jaraw dawn it-travi. Dahlu ghandu u meta dahlu sal-kcina sa gewwa, hemmhekk sabu illi ma kienx hemm ftuh, ma kienx hemm bokki, ma kienx hemm xejn. Xehed li qabel ma bdew bix-xoghlijiet kienu ghamlu '*third party conditional board*' fuq il-propreta' taghhom peress li huma proprjetajt agjacenti u legalment irid isir dan it-third party conditional report. Kienu ghamluh hafna qabel ma xtraw l-imputat u martu. Dan sar fis-sena elfejn u sbatax (2017). Il-proprjeta' '*taghhom*' b'referenza ghal gara u cioe' l-imputat u martu xtrawha din is-sena, jigifieri dakinhar kien hemm haddiehor. Jghid li l-art tal-kcina kienet shiha, ma kienx hemm bokki, ma kien hemm xejn.

Xehed li fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena l-ohra bdew jigu skambjati xi emails f'dan is-sens li huma qed jghidu li la hija parti tahtom allura dak li hija tahthom hija taghhom. Hu spjegalhom li dik hija taghhom ghaliex hija accessibli minn ghandhom biss. Xehed li '*hi qed tghidli din trid tkun kwistjoni ta' give and take. Jien qed nghidilha mhux give and take, dik hija tieghi. Accessibbli minghandi biss, mela m' ghandix xi ntik. Li huwa tieghi tieghi, li huwa tieghek tieghek.* ' Spjega li dak kien it-Tnejn, jumejn wara l-Erbgha sbatax (17) ta' Lulju marru hu u l-mara d-dar u semghu lil Lawrence qed ihaffer gol-gardiena tieghu. Immedjatament marru jhabtulu u '*qalli hu stess, qalli ismaghni ahna niffidna ghaliha din. Qalli ahna sibna bokka, niffidna ghaliha, haffirna ghaliha u spjegali wkoll, tant hu hekk illi kellu xi barmil bil- habel u nizzlu go fiha u tella' xi ilma minn go fiha u dawn l-affarijiet kollha.*' Spjega li '*qalli illi niffed ghal ghandi. Mela, jien dak il-hin ghidtlu x' qed tgahmel. Ghidtlu dik hija tieghi. Ghidtlu m' ghandek l- ebda jedd li taghmel dann. U dak il-hin qalli jiena beshiebna nkompli, qalli ghax hemmhekk huwa tieghi.* ' Prezenta mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqfu milli jkompli ghaddej bix-xoghlijiet. Dan kien l-Erbgha. Is-Sibt fl-ghoxrin (20) ta' Lulju nizlu go din il-kantina, ma kienux

nizlu qabel ghax kienet sit ta' kostruzzjoni u f'dak il-mument ma setghux fizikament jinzlu go fiha. Nizlu u sabu fejn tigi taht il-kcina taghhom kienu nifdu. Il-mandat ta' inbizzjoni gie milqugh u mwaqqfa milli jaghmlu dak li kien behsiebhom jaghmlu. Sa fejn jaf hu llum ghada miftuha. Jghid li '*over and above l-kwerera. Biex inkompli nispjega mbaghad mhux talli nifdu, talli mbaghad ghaddew pajp gdid u issa qedghin jarmu l-ilma go fiha.*' Huwa prezenta Doc. CG1.

Xehed li taht din il-bokka hemm xaft u dak huwa l-access li ghandhom ghaliha, jigifieri access permanenti. Ilu mibni ghexieren tas-snin u dak huwa minn fejn jghaddu ghaliha. Hdejha hemm sellum, l-access temporanju li ghamlu. Kien access temporanju ghax-sentejn ilu f'April 2018 ghamlu hafna xoghol ta' tindif go fiha. Jghid li fis-survery il-properjeta' taghhom hija immarkata bil-blu, il-bqija tigi taht il-girien. Esebixxa sett ta' ritratti mmakari bhala Dok. CG2 datati l-ghoxrin (20) ta' Lulju, l-ewwel darba li dahlu. Esebixxa bhala sett ta' ritratti bhala CG3 mehudin fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena l-ohra lli juru meta ghaddew il-pajp ukoll. Xehed li fl-ahhar sett hemm ritratt ta' madum, din hija il-madum tal-bordura tal-kcina taghhom. Jaf ghax kien fil-kcina taghhom u ghandu ritratti li juru il-madum tal-bordura tal-kcina taghhom. Dawn ittiehdu meta kienu qed jaghmlu t-third party conditional report. Gew esebiti bhala Doc. CG4.

In kontro-ezami ikkonferma li meta akkwistaw kienu jafu li hemm dan l-ispazju tahtom. Mistoqsi hemmx imnizzel fil-kuntratt taghhom wiegeb '*M'hemm indikat li hemm dan l-ispazju imma jiena akkwistajt bid-dritt il-pertinenzi kollha. Jigifieri jien meta xtrajt, xtrajt id-dar kollha inkluz kull ma' fiha. M' hemmx indikat li hemm il- kmamar tas-sodda, m' hemmx indikat li hemm kcina. Imma hemm qeghdin ukoll.*' Ikkonferma li hemm permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar u kkonferma li fil-pjanti li dahhal ma rreferewx ghal dan l-ispazju. Spjega li '*ahna applikajna l-permess originarjament f' Novemberu tal-2015. Dak iz- zmien jiena kont ghadni taht konvenju. Kont ghadni ma xtrajtix il- proprjeta. Meta applikajt ghall- permess appikajt bil-kunsens tas- sid, tal- persuna minghand min xtrajt jiena. Pero f' dak il-mument la darba jien ma kellix l- access ghal din il- proprjeta jiena ma stajtx naghmel survey bhalma ridt li naghmel ghax jiena mhux ha naqbad u ndahhal l-indikazzjoni ta' zona fl-proprjeta' li jiena m' ghandiex id- daqs ezatt taghha. Minix ha mmur u naghmel dikjarazzjoni falza mal- Awtorita' tal- Ippjanar. Allura jiena ridt, u nghid hekk*

*ukoll ghaliex jiena f' dak il-mument ma ridtx illi naghmel l- ebda forma ta' zvilupp go fiha. Sewwa? Jiena l- pjanti li ssottomettejt lill-Awtorita' tal- Ippjanar kienu marbutin mal-izvilupp li ridt naghmel. Nispjega lill- Qorti li jiena fil- propjeta' tieghi ghandi gardiena. F' din il- gardiena kien hemm xi kmamar qodma, jiena ridt imwaqqa' l-kmamar il- qodma, nhaffer il-pool u nibni l-kmamar il- godda li ridt naghmel. Go dan l-ispazju jien ma ridt naghmel assolutament xejn. Imma mhux hekk biss, fil- mument meta jiena kont qed napplika ghall- permess, jiena kien ghad m' ghandiex survey definit taghha. Allura jiena ma ridt naqbad u nfajjar il- mizuri kif ridt. Jiena fil- fatt imbaghad bhalma spjegajt lill- Qorti din naddaftha f' April tal-2018 u jiena stajt naghmel surveys u ha tesebihom il-mara wkoll. Surveys sura ta' nies ta' dan l- ispazju biss meta kien hemm it-tindif li sar kompletament u li stajna mbaghad inkunu hafna iktar precizi. Qed nghid hekk ukoll biex ukoll naghti ndikazzjoni lill- Qorti, qabel ma xtrajtha jien din il- propjeta kienet ilha abbundunata 'il fuq minn tnax-il sena. Jigifieri kien hemm hafna hmieg, hafna radam u it wasn' t well taken care of before we went into it.'*

Fl-applikazzjoni sussegwentement dahluha '*ghaliex minn meta ghamilna s- survey, ahna dak li ghamilna kien 3D survey. Ghamilna 3D survey ghaliex meta ahna nzilna go fiha u dhalna go fiha sibna li kien hemm xi xorok maqsumin li kienu jigu taht il- low bearing walls taghna jew taht xi hitan taghna. Dan ovvjament inkwetana. Allura ridna li naghmlu survey 3D survey taghna biex minn hemmhekk jekk hemm xi problemi ohrajn fix- xorok waqt li jien ghaddej bix- xoghlijiet inkun nista' naghmilhom ukoll. Sewwa? Jiena mbaghad ghamilt dik l-applikazzjoni sussegwenti mal- MEPA biex naghmel restoration method statement taghha. Biex jiena nuri lill-Awtorita' tal- Ippjanar kif jien ha nkun qed nirristawra x- xorok maqsumin li hemm.*'

Mistoqsi kif sar jaf bih dan l-ispazju, wiegeb '*Ghax meta mort jiena fil- propjeta tieghi l-ewwel darba f' Ottubru tal-2015 min kien qed ibieghhieli qalli u hawnhekk hawn kantina u urini l-bokka.*' Xehed li minn go fiha ma nehha l-ilma qatt. Ilma kien hemm. Hija fonda seba' metri u nofs u ilma kien hemm m'oghla ghaksa. Kien hemm l-ilma ghax kienu ghaddejjin bix-xoghlijiet u l-bokka miftuha. Li jaqa' l-ilma go fiha mhux xi haga kbira, pero' l-ilma minn go fiha jintilef. Ma zzomx ilma. Mistoqsi jekk jaqbilx li hija giebja mhux kantina, wiegeb li le, ma jaqbilx ghax mhux behsiebu juzaha bhala giebja. Jghid li '*ma kellhomx pussess taghha. Fl- ebda mument ma kellhom pussess taghha.*

*Dawn nifdu ghal go fiha.*' Ma hemmx tarag ghal kantina. Hemm dawl temporanju bhalissa u kkonferma ghax jghaddi mill-bokka. Imma nizlu bozza meta kienu qed jahdmu.

Lara Runco xehdet fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn ikkonfermat dak li xehed ir-ragel taghha. Xehdet li '*meta morna nkellmu lil Lawrence Vella dakinhar is- 17th July, qabel ma prezentajna l- mandat, hu qalilna li kien nizzel xi barmil u dan il- barmil jidher actually fir- ritratt.*' Xehdet li '*Huma saru jafu biha meta ghidnilhom ahna biha.*' Mistoqsija mill-Qorti '*qabel ma gara dak li gara intom kontu diga qeghdin f' diskussjonijeit maghhhom jew huma kienu jafu diga fil- fatt illi hemm xi haga tahthom li hija taghkom. Li qed tghidu li hija taghkom.*' wiegbet '*Ezatt. Three days. Malli avzajnihom li hemm din*' tikkonferma li gara dak li gara wara tlett ijiem. Spjegat li '*to avoid any conflict of interest mela naghmel it-third party conditional report peress li jiena l-propjeta tieghi stess hadt perit iehor mieghi. U morna on the 21st April 2017 naghmlu dan il-conditional report.*' Kien hemm prezenti l-proprjetarju ta' qabel is-Sinjur. Tghid li '*Saqsejtha ghandkom xi kantina jew xi gibja taht il-propjeta*'. *Qaltli le.*' Esebiet conditional report bhala Doc. LR1.

Xehdet li '*jiena well knowing li hemm din l- istruttura taht meta mort naghmel il-conditional report I looked out for these things. Jigifieri kont naf ezatt. F' April ta' 2018 ghamilna 3D survey tal- kantina biex inkunu nafu ezatt x' damage hemm ghax kont naf li hija struttura sensittiva hafna u ridt inkun naf ezatt every single bit of damage there is.*' Ix-xhud esebiet 3D survey report bhala Doc. LR2.

In kontro-ezami giet muriha sottomissjoni tas-Superintendence of Cultural Heritage fl-applikazzjoni taghhom li giet prezentata bhala Doc. JC1 u mistoqsija jekk taqbilx li dik is-sottomissjoni dahlet wara li inkludew il-kantina fil-permess taghom qalet li taqbel u mistoqsija jekk taqbilx li s-Superintendent qalet li hija giebja mhux kantina wiegbet li '*Din superseded. Jekk tara fl- ahhar pjanti hija mmarkata bhala cellar.*' Mistoqsija jekk normali li ma jdahlux id-drawings kollha fil-bidu wiegbet li '*Tattika normali hafna. Fil- fatt tezisti l- procedura ta' minor amendment ghal dawn l-affaijiet ghax struttura ezistenti ma tistax tbiddilha. It's there. You just need to show it at a later stage. Fil- fatt lanqas biss kellna bzonn indahhlu permess gdid biex nuru din il-pjanta. Kien minor*

*amendment.*' Tghid li ghax kienet ezistenti, ma kinitx se taghmlilha tibdiliet, ma kelliex bzonn permess ghaliha.

L-imputat Lawrence Vella ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda u dan fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn spjega li joqghod 32, Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun. Xehed li kien qed jaqla' l-madum tad-dar kollha dakinhar. Xehed li '*ma kontx qed naqilghu b' xi ghodda. Just qed naqilghu bil- lieva ghax. Kont qed naqilghu bil- lieva u nohorgu fl- iskip barra. U ltqajt ma' Dr. Carl Grech u bdejna nitkellmu. Hin minnhom qalli taht id-dar tieghek hemm kantina hija tieghi. Dak il- hin ma tkellimt xejn. Imbaghad kelli l- ahhar erba' xkejjer biex nohroghom. Qlajt erba' madumiet u taht dawn l-erba' madumiet ma kien hemm xejn, hlief kien hemm il- bokka.*' Xehed li '*Jigifieri dan il-madum ma kontx naf kif qed iserrah. U go din il- bokka kien hemm ...*' Il-madum kien imserrah fuq il-bokka bhala ghatu. U go din il-bokka sab katusa li taghti l-ilma tax-xita ghal gol-bokka. Esebixxa dokument li gie esebit bhala Doc. Lv1. Il-katusa qed taghti minn gol-bitha dirett ghal gol-bokka. Il-katusa hija antika. Jghid li l-bokka mhux haffirha hu. Dik qeghda gol-kcina, fejn qabel kienet fil-bitha. Hija intiza ghal gol-giebja. Mistoqsi jekk ghamel xi xoghol ta' skavar, jekk haffar, wiegeb li '*Le, just kemm qlajt il-madum bil- lieva. Qbadt il- lieva ghax anke b' idejja kien jinqala' l- madum daqskemm hemm umdita*'.' Jghid li '*hu qed jghid li jiena haffirtha meta jien mhux se nhaffer zewg sulari. Biex se nhaffirhom? Bil- lieva? Bil- pala? Il- bokka hemm kienet minn dejjem.*' Mistoqsi dwar ritratti li juru barmil u madum go din li qed jghidulha giebja, wiegeb li l-barmil tieghu, '*Bdejna nnizzlu barmil biex naraw kemm hi fonda.*' L-imputat esebixxa wkoll sett ta' ritratti bhala Doc. LV2. Mistoqsi '*qabel ma nizziltu l- barmil, kont tafu hawnhekk li kien hemm xi tilwima mal- garr tieghek? Jigifieri illi huma qed jghidu li tgahhom u intom qed tghidu li taghkom.*' Wiegeb li '*Le, dik qabel.*' Ikkonferma li qabel ma nizzel il-barmil.

In kontro-ezami qal li beda jaqla l-madum is-Sibt. L-Erbgha kien qed ihaffer gol-bitha, l-hamrija. Saret referenza ghar-ritratti datati l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Mistoqsi kif jispjega t-terrapin li jidher f'dan ir-ritratt wiegeb li '*It- terrapin ghax haffirna trinka madwarha biex nghaddu l-pajpijiet ta' l-ilma. B'hekk waqa' dak it-terrapin.*' Il-bokka kienet ga mixkufa u waqa' t-terrapin ghax hafru fuqha. Jghid '*Jekk ghamilna trinka biex jghaddu l-pajpijiet.*' Ghadu ma ghalaq xejn.

Pauline Vella xehdet ukoll fl-istess seduta fejn spjegat li '*jiena li nghid dawn konna qed nikkomunikaw maghhom meta ahna konna ghadna bil-konvenju. Qatt ma qalulna isma' hekk, hekk u hekk.*' Kienu diga qed jikkomunikaw maghhom qabel ma xtraw il-post. Tghid li '*dawn kellhom biza' ghalija.*' Spjegat '*Biza' li ahna niskopruha, meta ahna ndunajna biha. Nafu biha ghax konna nafu li l-ilma tax- xita qed imur ghal go fiha. Tajjeb?*' Mistoqsija '*intom fil- mument tal-konvenju ma kontux tafu biha din?*' wiegbet '*Konna nafu biha mela. Rajna l-katusa li taghti ghal hemm u meta bdejna nitfghu l-ilma ndunajna. Jekk tghidli ghax sid id- dar, lanqas kien joqghod hemm ghax din kienet mikrija ghand in- nies. Jigifieri nahseb lanqs qatt ma ghix go fiha. U li nixtieq nghid ukoll li fic- cert li din l- bokka ma haffirnijix ahna, biex thaffer dik it- tul kollu, tigi mal- blat ezatt u jekk nigu ghal dan allura taht l-ispizerja hemm ohra simili ghal taghna ukoll hafruha huma?*' Ikkonfermat li l-barmil li hemm fir-ritratt nizluh huma biex jaraw kemm hu fond. Mistoqsija jekk nizlux xi katusa jew xi pajp, wiegbet '*Le, li ghaddejna ahna ghaddejna l- katusi kollha godda. Tajjeb? u ghaddejna katusa ohra gdida ghal gol- din.*' Tghid li izda fil- wicc taghha ghax hemm qisu sular radam.

In kontro-ezami mistoqsija meta saret taf biha l-ewwel darba, qalet li ma tiftakarx id-data. Mistoqsija '*l- ewwel darba li inti kellimtna fuqha din kien nhar il- 15 ta' Lulju 2019. Taqbel?*' wiegebet '*Tghidlix bid- data. Naqbel li tkellimt maghkom ghax jiena ninsa bid-dati.*' Xehdet li meta kienu ghadhom fuq konvenju '*huma qatt ma semmewha.*'. Fil-hmistax (15) ta' Lulju meta gara dak li gara kienu xtraw il-*post* '*Jekk kinitx mikxufa mill-madum. Jiena ma niftakarx bid- dati le meta kxifna l- madum. Ahna qbadna nahdmu fih mal- ewwel il- post imma ma niftakarx bid- dati.*' Il-madum kixfitu wara li xtraw. Dwar il-pajp fil-bitha jekk meta xtraw kienx ezistenti dan il-pajp wiegbet '*Iva, l- katusa kienet hemm minn gol- bitha ghal go din il- bokka. Kienet tintuza' min- nies li kien hemm biex l- ilma tax- xita dejjem jaqa' ghal go din il-gibja.*' L-ilma tax-xhieda jaqa' ghal gol-bitha, minn gol- btiha ghal gol-giebja. Dejjem kienet hemm. Ghamlu katusa bhalma bidlu l-katusi kollha tad-dar ghax dawn huma kollha antiki. Il-barmil huwa taghhom.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jirrileva li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti stante li qatt ma setgha kien hemm sejbien ta' htija peress li mill-provi, l-elementi tar-reat ta' raggion fattasi ma jirrizultawx ippruvati billi l-pussess kontinwu u mhux interott ta' dan l-ambjent kien ukoll f'idejn l-appellant stante li din hija giebja in komuni li testendi taht il-proprjetajiet tal-appellant u tal-kweralenti. Jissottometti li ma ghandu xejn mis-sewwa dak li qed jallegaw il-kwerelanti li dan l-ambjent huwa 'kantina'. Mill-provi jirrizulta li l-ambjent huwa giebja u dan ukoll kif ga gie mfisser aktar il-fuq. Il-kwerelanti bl-istrategija akkurata taghhom, qeghdin jippruvaw juzurpaw, japproprjaw u jizgombraw lill-appellant minn proprjeta' fil-pussess tieghu sabiex l-kwerelanti jkunu jistghu jvantaw u jikkrejaw pretensjonijiet ta' dritt esklussiv li ma ghandhomx. Jaghmel referenza ghall-elementi tar-reat ta' raggion fattasi skont il-gurisprudenza.

Jissottometti li l-appellant meta kixef il-maduma li tahta kien hemm il-bokka tal-giebja kien qed jagixxi fl-ispazzju tieghu u fl-ebda mod ma haffer u ghamel xi xogholijiet biex jinfed ghal gol-giebja. Illi skontu dan ma jikostitwixxix spoll. Jissottometti li di piu' l-appellant kellu l-pussess materjali ta' din il-giebja bil-prezenza ta' katusi li jghatu minn gol-fond tieghu sabiex l-ilma joskula ghal go din il-giebja u dan kif muri permezz ta' rittratti li gew esbiti in atti u kif ikkonferma bil-gurament tieghu l-appellant u martu, liema katusi ghadhom hemm jaqdu l-istess skop sal-gurnata tal-lum. Jissottometti li l-appellant kien fil-pussess kontinwu u mhux interrott tal-giebja in kwistjoni liema stat ta' fatt jirrizulta ampjament mill-provi u b'hekk l-element tar-reat ta' raggion fattasi qatt ma jistghu jissusistu.

Mill-provi jirrizulta li hemm dizgwit bejn il-kwerelanti u l-appellant u martu dwar jekk l-ispazju in kwistjoni huwiex 'kantina' jew 'giebja'. Fejn filwaqt li l-kwerelanti jirreferu ghaliha bhala 'kantina', il-kwerelati jghidu li hija 'giebja'. Gie ipprezentat mid-difiza dokument bhala Dok JC1 u cioe' sottomissjonijiet tas-Superintendence of Cultural Heritage datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn tnizzel li '*what is being referred to as existing cellar at doc. 156b is indeed an cistern roofed over which arches. In this regard the said feature is referred to as a well in Method Statement as Doc. 155c. Moreover, the cistern and its features are to be clearly shown and indicated into a revised section.*' Il-kwerelanta Lara Runco meta mistoqsija

dwar dan id-dokuemnt qalet li dak gie superseeded. Din il-Qorti tqis li mhuwiex relevanti jekk hijiex giebja jew kantina, dak li huwa relevanti huwa jekk l-appellant kellux il-pussess kontinwu ta' dan l-ispazju jew jekk hax il-ligi b'idejh meta nizzel marbut b'hames mir-residenza tieghu ghal go din il-giebja jew kantina.

Mill-atti jirrizulta li din il-kantina jew giebja kif isejhula l-kwerelanti sar jaf biha l-imputat Lawrence Vella meta l-kwerelant Dr Carl Grech infurmah dwarha. Il-kwerelanti kienu gia dahlu fir-residenza tal-appellant u martu u ma kien hemm l-ebda ftuh li jaghti ghal din il-kantina. Jirrizulta ukoll li qabel ma nqalghet il-maduma fir-residenza tal-appellant li skont l-appellant kienet qeda qisha ghatu ghal giebja jew kantina kif isejhulha l-kwerelanti, il-kwerelanti kienu infurmawhom li dik hija proprjeta' taghhom u li jirrizulta li kien gia hemm dizwgiet dwar dan l-ispazju. Li jfisser li l-appellant minflokk irrikorra ghal ftuh ta' proceduri gudizzjarji, ghazel li jaghmel dak li hass kien dritt tieghu. L-appellant jissottometti li huwa meta jixef il-maduma li tahta kien hemm il-bokka tal-giebja kien qed jagixxi fl-ispazzju tieghu u li huwa ma ghamel l-ebda xogholijiet biex jinfed ghal gol-giebja. Dwar dan fl-ewwel lok taghmel referenza ghax-xhieda ta' Dr Carl Grech li jispjega li l-imputat '*qalli hu stess, qalli ismaghni ahna niffidna ghaliha din. Qalli ahna sibna bokka, niffidna ghaliha, haffirna ghaliha u spjegali wkoll, tant hu hekk illi kellu xi barmil bil- habel u nizzlu go fiha u tella' xi ilma minn go fiha*' fejn jirrizulta li l-appellant stess qal lil kwerelant li kien niffed ghalih. Din il-Qorti tqis li anke jekk l-appellant kellu jigi emnut li fil-mument li nqala' l-madum, inkixfet il-bokka u li ma haffirx ghaliha, gialadarba kien jaf li kien hemm dizgwit dwar din il-giebja jew kantina ma kellux addiritura jnizzel barmil b'habel ghal go din il-kantina jew giebja. In oltre', l-appellant jissottometti li huwa kellu l-pussess materjali ta' din il-giebja tant li l-katusi ghadhom hemm jaqdu l-istess skop sal-lum il-gurnata. Din il-Qorti tqis li l-fatt li setgha kien hemm katusi ghaddejjin mir-residenza tal-appellant ghal go din il-kantina jew giebja ma jfissirx li huwa kellu l-pussess kontinwu ta' dan l-ispazju.

Din il-Qorti taghmilha cara li ma hija bl-ebda mod tghid li l-kwerelanti huma s-sidien ta' din il-kantina jew giebja bhal kif lanqas ma hija tghid li l-appellant u martu ma ghandhomx titolu fuq din il-kantina jew giebja, mhijiex din il-Qorti li trid tiddeciedi x'titolu ghandhom il-partijiet. Dak li qed tikkunsidra din il-Qorti huwa li

minkejja li l-appellant gie infurmat li l-kantina jew giebja kienet allegatament tal-kwerelanti u minkejja li kien hemm dan id-dizgwiet, l-appellant xorta ghazel li jnizzel barmil b'habel wara li qalghu maduma li skont l-appellant kienet bhal ghatu fuq din il-giebja. Jekk verament dan l-access gie skopert b'kumbinazzjoni meta bdew jaqilghu l-madum, huma kellhom jieqfu milli qed jaghmlu u jkun wara li l-Qorti tiddeciedi jekk ghandhomx jedd jew titolu, li jkomplu bix-xoghlijiet.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti sejra tqis l-elementi ta' dan ir-reat ta' raggion fattasi. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Felix Darmanin'**[2] gie meqjus li:

*'L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew elaborati f'diversi sentenzi li trattaw dan ir-reat u fosthom hemm dik imsemmija mill-Imhallef Lawrence Quintano presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi et" kif ikkwota mis-sentenza "Il-Pulizija versus Eileen Said" li kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono u ċioe fejn intqal : -*

*Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal- Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).*

*Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Ottubru, 2014.

*migbura mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il- Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et" (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-*

*a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid- dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;*

*b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;*

*c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;*

*d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huwa l-elementi li jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Francesco Carrara fil-kitba tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala : -*

*1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.*

*Dawn l-elementi jridu jissussistu kumulattivament sabiex ir-reat jigi pruvat kommess.*

*Din hija Qorti ta' kriminali ġudikatura u għalhekk hija prinċipalment vestita b'ġurisdizzjoni biex tanalizza l-vertenzi ta' natura penali li jkunu sottomessi lilha, aktar milli l-kwistjonijiet t'indoli ċivili li m'għandhiex setgħa tissindakahom. Verament li kif jingħad fis-sentenza Il-Pulizija v. Charles Chircop, deċiża fl-1 ta' Settembru, 1995, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom saħansitra s-seta' jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar- risoluzzjoni tal-vertenza penali. Biss il-kwistjonijiet t'indoli ta' natura ċivili f'dan il-każ imorru oltre dik tar-risoluzzjoni tal-vertenza penali. Il-Qorti sejra għalhekk f'din il-kawża żżomm mal-mansjoni prinċipali tagħha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali.'*

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-elementi tar-reat ta' raggion fattasi. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Robert Vella) Vs Carmel Azzopardi'**[3] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-elementi tar-reat in desamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl- ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et' (Appell Kriminali 14 t'Ottubru 1994, Volume XXX2, part4, page 768). Dawn jinkludu:*

*a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implictu ta' dik il-persuna.*

*b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt.*

*c) Ix-xjenza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali.*

*d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.*

*Illi kif dejjem gie ritenut element important kostitwiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jesercita d-dritt illi hu jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontari fuq propjeta ta' haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li jsir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkomettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'li wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t- tgawdija taghha. Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ga jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lil terz jew ifixxklu fil-pussess tal-haga.*

*Ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Special Volume 5, para 2850): 'l-Atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e nel attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche la legge protegga 'stato quo' il quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della Awtorita Gudiziale.'*

*Issa fil-kaz in ezami hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet, l-appellant u Andrew Agius dwar il-propjeta li titkostitwixxi l-passagg illi jaghti access ghal ghelieqi aktar 'l isfel fl- irdum. F'dan il-passagg jew triq hemm ghar illi jidher illi ghandu tgawdi minnha l-appellant. Dan l-*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru: 127/2011)

*ghar hu maghluq b'hajt u f'xi zmien dan il-hajt twaqqa'. Il-Parte Civili Agius, qieghed jilmenta illi meta l-appellant rega' beda dan il-hajt, dan sporga fit-triq, fi propjeta' tieghu u ghamel dan il-passagg ta' din it-triq aktar perikoluz peress illi n-naha l-ohra tat-triq fuq il-lemin, inti u niezel, hemm l- irdum.*

*L-appellant jghid illi l-passagg huwa komuni pero jaf ukoll illi l-Parte Civili Agius, irregistra l-passagg f'ismu. Iz-zewg partijiet jikkontendu illi hemm hafna kawzi civili bejniethom pero jidher li Agius ghandu l-pussess ta' l-art quddiem l- ghar, fuq liema art l-appellant ipparkja l-vann tieghu b'tali mod illi mpedixxa l-passagg liberu ghal-utenti l-ohra ta' l- istess passagg. Ir-ritratti esebiti f'dawn l-atti juri l-vann ipparkjat fit-triq, liema vann jidher f'zewg pozizzjonijiet differenti. Jidher ukoll borg gebel sporgut fil-passagg b'tali mod li jkun ostakolu ghal min ikun qed juza' din it-trejqa.*

*Fuq l-iskorta ta' dawn irrizultanzi proceswali, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq il-provi tal-Parte Civili li kellhom dritt li jghaddu minn dan il-passagg minghajr ma jkun ostakolat minn xi xoghol jew ingenji ta' l-appellant. Ghalhekk l-appellant ma setghetx di "privato braccio" jaqbad u jiehu dak illi kien jipretendi li hu tieghu u jibda jahdem fuq it-trejqa u ostakolha anke jekk stess haseb li kellu d-dritt jaghmel hekk.*'

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija kontra Anthony Zahra</u>**'[4] fejn inghad li ''*Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu.' (Ara: 'Il-Pulizija vs Eileen Said' Qorti tal-Appell Kriminali 19 ta' Gunju 2002).*''

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'IL-PULIZIJA VS. EILEEN SAID'</u>**[5] gie meqjus li:

'*Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenbzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu . Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-*

*"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche'*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Gunju, 2014 (Appell Krminali Numru: 225/2013)
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju, 2002 (Appell numru: 37/2002 JGD)

*la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale ."'*

L-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Antonello Grech V MICHAEL PORTELLI'**[6] fejn gie kkunsidrat li:

*'Illi jigi rilevat li l-azzjoni bazata fuq l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigia bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li* ***Sir Andrew Jameson****, meta kien qed jigi abbazat l-Kodici Penali Malti, kien osserva fir- rapport tieghu fir-rigward li:*

*"It is doubtful whether acts of this kind could not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict on claim for damages..." [vide* ***Professur Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law – parte speciale Vol II****]*

*Ir-reat ta' ragion fattasi mhux meqjuz bhala reat kontra l- proprjeta izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal- gustizzja w amministrazzjonijiet pubblici ohra.*

*Dan l-artikolu tal-ligi 85 tal-Kap 9 jittutela l-pussess u mhux il-proprjeta. [vide* ***Il-Pulizija v Joseph Bongailas deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Ottubru 2001****].*

*Fil-fatt gie enuncjat fis-sentenza* ***Il-Pulizija v John Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t- tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1991*** *li:*

*"Taht l-artikolu 85 ma hemm ebda bzonn li jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minnhekk. Id- dicitura tal-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried li jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anke fis- semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll, kif gie ripetutament deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali, anke is- semplici drittijiet normalment konpetenti lil persuna koncernati."*

*L-ispiritu dwar dan r-reat jispjegah il-****Carrara*** *bhala d- disprezz lejn il-proceduri gudizzjarji:*

*"Lo spirito della gustizia costituisce la indole giuridica di questo reato; e tali spirito ricorre nel caso, tanto intrinsicamente quanto entrinsicamente. Ricorre intrinsicamente perche di*

[6] Deciza fl-20 ta' Lulju, 2006 (Numru: 484/2004)

*fatto il fatto usura la prerogative del Magistrato. Ricorre entrinsicamente perche il privato, cosi facendo mostra di non aver fiducia nel Magistrato." [**Programme Vol V para 2855]***

*Il-**Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnejn w ghoxrin ta' April 1961**, [vol XLV. 11. 942] fl- ismijiet **Il-Pulizija v Antonia Cremona** qalet li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi, hija intiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunali, meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretenzjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh, jezercita dawk d-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."'*

Din il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk jissistux l-erba' (4) element tar-reat ta' raggion fattasi u cioe':

a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;

b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt;

c) Ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali u

d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal kunsiderazzjoni maghmulha mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u cioe' '*Illi wara li kellha cans tisma' lill-erba' protagonisti f din il-kawza, cioe' lill-kwerelanti, lill-imputat u lill-mart l-imputat, u wara li ezaminat id-dokumenti esebiti, il-Qorti hija konvinta moralment illi indepedentement minn min huwa l-proprjetarju tal-kantina, il-kwerelanti jew l-awturi taghhom kellhom il-pussess rikjest mill-ligi fuq l-istess kantina ghalkemm l-imputat u martu emmnu li kellhom id-dritt illi jaghmlu dak li ghamlu anke jekk kienu jafu, jew ragjonevolment kellhom ikunu jafu illi kienu qed jiehdu l-ligi b'idejhom minflok ma' rrikorew ghall-awtorita' pubblika. L-imputat u martu kienu jaf ukoll illi dak li kienu ser jaghmlu ma' kellux il-kunsens tal-kwerelanti peress illi*

*dawn kienu diga bil-kelma t-tajba nfurmawhom illi skond huma, l-kantina kienet proprjeta' taghhom.*

*Illi f'dak l-istadju dak li kellhom jaghmlu l-imputat u martu kien li jaghlqu l-bokka li nfethet fil-kcina sakemm jiehdu direzzjoni mill-Qorti dwar kif jistghu jipprocedu u dan permezz tal-ftuh ta' proceduri gudizzjarji appoziti. Certament ma' kellhomx jibqghu ghaddejin bix-xogholijiet u addirittura jnizzlu barmil sabiex jara kemm hija fonda l-istess kantina.'*

Mill-atti jirrizulta li l-kwerelanti kellhom il-pussess tal-kantina jew giebja in kwistjoni u dan stante li jispjegaw kif kellhom access mill-proprjeta' taghhom ghaliha anke jekk b'sellun tant li kienu diga nadfuha u kien gia sar survey.

Jirrizulta ukoll li l-imputat agixxa kif agixxa ghax hass li huwa ukoll kellu dritt fuq din il-giebja jew kantina jew parti taghha. Jirrizulta li minflokk ma rrikorra ghal process gudizzjarju, ha l-ligi b'idejh u filfatt anke jekk din il-Qorti kellha temmen li l-appellant sab access ghal din il-giebja jew kantina meta kixef il-madum, l-appellant nonostante l-fatt li kien jaf li l-kwerelanti qeghdin jipretendu li din il-kantina hija taghhom, minflokk ma ghalaq il-bokka, ghazel li jhallih miftuh u anzi jnizzel barmil b'habel. Dan l-att ghalhekk jaqa' taht ir-reat ta' raggion fattasi u mhux taht reat aktar gravi.

Din il-Qorti taghmilha cara li ma hija bl-ebda mod tghid li l-kwerelanti huma s-sidien ta' din il-kantina jew giebja bhal kif lanqas ma hija tghid li l-appellant u martu ma ghandhomx titolu fuq din il-kantina jew giebja, mhijiex din il-Qorti li trid tiddeciedi x'titolu ghandhom il-partijiet.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment isisb htija ta' din l-imputazzjoni. L-appellant mhuwiex jappella mill-piena inflitta u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonfermaha ukoll.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena. Iz-zmien ta' tlett (3) gimghat moghti fl-ordni sabiex tigi rripristinata l-bokka in kwistjoni taht

sorvelajanza ta' perit ghal status quo ante billi din tigi maghluqa b'mod permanenti jibda' ghaddej mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur